# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru.: 918/22 MH**

**Illum, 9 ta' Diċembru 2022**

**Kurt Spiteri**

**vs**

**Louis Leisure Complex Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni datat 8 ta' Lulju 2022 u dan gharragunijiet hemm dedotti.

Rat li din it-talba giet milqugha b'mod provizorju fit-8 ta' Lulju, 2022.

Rat ir-risposta ta' l-intimati debitament notifikati bil-procedura ta' affissjoni u publikazzjoni datata 25 ta' Novembru, 2022

Ikkonsidrat

Illi in succint inter alia hawn qed jintalab li jigu mwaqqfa kull trasferiment jew assenjazzjoni jew aggravament b'kull piz tal-propjeta de quo agitur, propjeta illi hi soggetta ghal konvenju validu (s'issa) u vigenti bejn il-partijiet.

Illi filfatt gew prezentati dokumenti li juru li din il-propjeta giet sussegwentament ghal konvenju aggravata b'pizijiet, ukoll li din il-propjeta baqghet tigi riklamata ghal bejgh (15/11/2021 folio 17)

L-intimati irresistew ghat-talba billi in succint jallegaw li l-konvenju huwa irritu u null minhabba anke kwistjoni ta' uzura da parti ta' Kurt Spiteri meta b'sitwazzjonijiet ohra agixxa ta' sensar.

Gie allegat ukoll da parti tal-intimati li ghabba hu stess l-propjeta b'pizijiet wara.

Ikkonsidrat wara li semghet it-trattazzjonijiet u hadet konjizzjoni tal-atti kollha esebiti.

Qieset l-elementi li jsawru din l-azzjoni ghalhekk jinhtieg li jigi muri li mad-daqqa t'ghajn ir-rikorrenti ghandu jedd li jinhtieg li jigi kkawtelat biex ma jigix pregudikat b'mod irriparabbli.

Dan il-jedd jrid jkun tali li jista jixpruna l-azzjoni gudizzjarja.

Bla tlqaliqil-Qorti tara li hemm lok li din it-talba tigi milqugha, mad-daqqa t'ghajn r-rikorrenti ghandu favorih weghda ta' bejgh debitament registrat.

Jekk tali konvenju hux frott ta' qerq, frodi, uzura jew intricci ohra adebitati fir-risposta, mhux kompitu ta' din il-Qorti, f'dawn il-proceduri li tindaga.

**Konsegwentament tilqa t-talba kif dedotta bl-ispejjez ghall-intimati.**

Onor. Miriam Hayman

Imhallef

Victor Deguara

Dep Reg